MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 1048/2011

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella)
vs
Silvio (Saviour) Pace, iben joseph, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Novembru, 1968, karta ta’ l-identita numru 477468(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-10 ta’ Settembru, 2011 għal ħabta tas-1.50 p.m. ġewwa l-Marsa:
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ PC1503 David Buhagiar u PC525 Charlton Falzon Cascun, persuni nkarigati skkont il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li dawn kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita’ kompetenti;

2. fl-istess jum, data, lok u ċirkostanzi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PC103 David Buhagiar u PC525 Charlton Falzon Cascun, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. fl-istess jum, data, lok u ċirkostanzi għamel offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ PC1503 David Buhagiar u PC 525 Charlton Falzon Cascun skont kif iċċertifika Dr. Daniel barta M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, involontarjament għamel ħsara fuq nuċċali ta’ PC525 Charlton Falzon Cascun liema ħsara tammonta għal madwar €130;
5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b’xi mod ieħor indaħal fid-dmirijiet tagħhom;
6. fl-istess jum, data, lok u ċirkostanzi ħebb għal PC1503 David Buhagiar u PC525 Charlton Falzon Cascun sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara;
7. fl-istess jum, data, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b’għajjat u ġlied;
8. fl-istess jum, data, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fuq nuċċali ta’ PC525 Charlton Falzon Cascun, liema ħsara ma tiskottiex l-€1,164.69 imma iżjed minn €116.47.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tqies lill-imputat li sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien misjub ħati ta’ diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ħsara li għamel l-imputat hi ta’ €130.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 95(1), 96(a), 221(1), 325(1)(b), 328(d), 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Minbarra dan tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €130 danni lill-PC525 Charlton Falzon Cascun minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------